DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** 2598 2426 / 2598 2425 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 29 ta' Settembru 2014

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 150/2014

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Agius-Muscat, George Mifsud, David Muscat – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Kors ta' Aġġornament Volontarju – L-Ortografija tal-Malti 1

---

Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti jistiednu lill-għalliema kollha li jgħallmu fl-iskejjel primarji (tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti) għal kors ta' aġġornament fuq bażi volontarja bl-isem *L-Ortografija tal-Malti 1*.

Dan il-kors huwa mmirat għall-għalliema tal-primarja li jħossu l-ħtieġa li jsaħħu l-għarfien tagħhom fl-ortografija. Dan se jsir mit-3.30pm sal-5.30pm fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet, Tal-Ħandaq (Ħal Qormi), f'dawn il-jiem:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **20 ta' Ottubru** | **27 ta' Ottubru** | **10 ta' Novembru** | **17 ta' Novembru** | **24 ta' Novembru** | **1 ta' Diċembru** |

Inħeġġu lill-għalliema li jattendu l-kors iressqu d-diffikultajiet ortografiċi li jiltaqgħu magħhom huma u l-istudenti tagħhom u jistaqsu l-mistoqsijiet li jkollhom.

L-għalliema li jixtiequ jattendu dan il-kors għandhom jibagħtu ittra elettronika b'isimhom u kunjomhom, in-numru tal-identità, l-indirizz postali u elettroniku, in-numru tat-telefown u l-iskola fejn jgħallmu, lill-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti, is-Sur David Agius-Muscat, david.agius.muscat@ilearn.edu.mt sa nhar l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru 2014.

Il-kors huwa bla ħlas u se jingħażlu l-ewwel tletin għalliem li japplikaw.

Min jattendi l-laqgħat kollha jingħata ċ-ċertifikat uffiċjali mid-Direttorat tal-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

Grazzi,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**